MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 941/2002/1

**Id-Direttur tas-Sigurta Socjali**

**Vs**

**Francis Gabriele**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ elf mija u hamsa u tmenin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm1,185.51), rifuzjoni ta’ ghajnuna socjali li thallset zejda matul il-perjodu bejn Jannar 1986 u April 1991.

Ra r-risposta tal-konvenut (fol. 7) li permezz taghha ecepixxa li:

1. Id-Dipartiment kien jaf li wlied il-konvenut kienu qed jahdmu.

2. Matul il-perjodu bejn it-3 ta' Frar 1984 u d-29 ta' Ottubru 1987 il-konvenut kien qieghed il-habs u ma kienx qieghed jircievi beneficcju.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ra d-dokumenti.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra:

1. Illi mill-provi rrizulta li:

(a) Fit-30 ta' Marzu 1982, il-konvenut kien ghamel applikazzjoni mad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali sabiex jibda jircievi l-ghajnuna socjali (fol. 13 – 15).

(b) B'sehh mit-3 ta' April 1982 il-konvenut beda jircievi l-ghajnuna socjali tat-tip li hija "means tested" (ara xhieda ta' Carmel Azzopardi moghtija fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2002).

(c) Fil-perjodu bejn it-3 ta' Frar 1984 u d-29 ta' Ottubru 1987, il-konvenut kien qieghed jiskonta sentenza ta' habs fil-Facilita Korrettiv ta' Kordin.

(d) Ir-rifuzjoni li qeghda tintalab mid-Dipartiment tirreferi ghall-hlas zejjed ta' ghajnuna socjali peress li f'perjodi differenti wlied il-konvenut kienu mpjegati, u wiehed minnhom ghamel ukoll perjodu jircievi *Unemployment Benefit* (ara rendikont a fol. 21 tal-process).

(e) Fid-19 ta' Dicembru 1991, il-konvenut kien obbliga ruhu li jirrifondi lura l-hlas zejjed li rcieva permezz ta' pagamenti ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) kull xahar (ara Dok. N). Sahansitra huwa ffirma ghal din l-obbligazzjoni (fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2002 il-konvenut gharaf il-firma tieghu). Il-konvenut xehed li kien iffirma dik id-dikjarazzjoni ghaliex id-Dipartiment kien qallu li fin-nuqqas kienet ser titwaqqaf l-ghajnuna socjali.

2. Illi mill-atti ma jirrizultax li l-konvenut qieghed jikkontesta li sar hlas zejjed. Madankollu huwa jikkontendi li:

(a) **Id-Dipartiment kien jaf li wliedu kienu qeghdin jahdmu** – Mill-provi ma rrizultax li d-Dipartiment kien jaf b'dan il-fatt, u anzi jirrizulta li dak iz-zmien id-Dipartiment ma kienx jaghmel verifiki mad-Dipartiment tax-Xoghol. Inoltre, skond l-applikazzjoni li ghamel il-konvenut (fol. 13 – 15), jinghad espressament li: ***"gejt imwissi biex ngharraf lid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali b'kull ghamla ta' tibdil fic-cirkostanzi kif dikjarati minni fuq din il-formola"***. Din l-applikazzjoni giet iffirmata mill-konvenut. Dan apparti l-fatt li minn zmien ghal zmien mart il-konvenut kienet tmur id-Dipartiment u tgharrafhom li ma kien hemm l-ebda kambjament fir-cirkostanzi taghhom.

(b) **Fil-perjodu bejn it-3 ta' Frar 1984 u d-29 ta' Ottubru 1987 il-konvenut ma kienx qieghed ghajnuna socjali** – Huwa minnu li matul dan il-perjodu l-konvenut kien il-habs. Pero' matul dan iz-zmien l-ghajnuna socjali baqghet tintbaghat lill-familja tieghu. Inoltre, jrid jigi ssottolinejat li parti mir-rifuzjoni li qieghed jintalab mid-Dipartiment tirreferi ghall-perjodu wara li l-konvenut hareg mill-Habs (ara fol. 21). Ma rrizultax li huwa kien gharraf lid-Dipartiment bit-tibdil tac-cirkostanzi. Lanqas ma jista' jregi l-argument tal-konvenut li huwa ma rcieva l-ebda hlas fil-perjodu li kien il-habs, u dan peress li baqghet tircevih il-familja tieghu. Mill-provi rrizulta li l-konvenut qatt ma kien legalment separat minn ma' martu, u ghalhekk id-dejn huwa tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Wiehed ma jridx jinsa wkoll li l-hlas zejjed sar qabel l-emendi ta' l-1993, meta r-ragel kien ghadu l-kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Hemm ukoll il-konsiderazzjoni li l-konvenut obbliga ruhu li jirrifondi lura l-hlas lid-Dipartiment. Ma jirrizultax li minn dakinhar qatt ikkontesta l-obbligazzjoni li assum u/jew impunja l-validita taghha.

3. Wara li t-Tribunal qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u fuq bazi wkoll ta' ekwita, m'ghandhux triq ohra ghajr li jilqa' t-talba ta' l-attur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf mija u hamsa u tmenin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm1,185.51), bl-ispejjez kontra tieghu.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**